MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1684/2004

**Strand Electronics Limited**

**vs**

**Inter Travel (Malta) Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 ta' Awissu, 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mitt lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm700.24) rapprezentanti prezz ghall-kiri ta' 'photocopier machine' moghtija lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Mejju, 2004 u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ seba’ mitt lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm700.24), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Mejju, 2004, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------